MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-12 ta' Diċembru, 2006

Citazzjoni Numru. 259/2006

**Maria Concetta mart John Said, Anna Concetta Borg, Grazio Borg, Francis Borg, Agatha Borg, Maria mart Saviour Galea, Paul Borg, Anthony Borg, Mark Brincat, Josephine Ann *sive* Joanna Vella, Maria Speranza mart Alfred Buttigieg, Carmela Zammit f'isimha proprju u bħala mandatarja ta' oħtha l-assenti Michelina Lye, Josephine *sive* Jessie Azzopardi f'isimha proprju u bħala mandatarja ta' l-assenti Nazzarena *sive* Rena Bulbrook, Mary Cutajar, Simon Azzopardi, Vincenza Vassallo, Carmela mart Carmelo Ciantar, Joseph Vassallo, Doris Vassallo u Paul Vassallo**

***Versus***

**Kristinu u Josephine konjuġi Micallef**

Din is-sentenza hija dwar talba tal-konvenut biex jiġġustifika ruħu talli ma weġibx għar-rikors maħluf ta' l-atturi fiż-żmien li tagħti l-liġi.

B'dikriet tas-17 t'April 2006 il-qorti kienet ordnat illi r-rikors maħluf ikun notifikat lill-konvenuti li kellhom jippreżentaw l-eċċezzjonijiet tagħhom fil-forma u fiż-żmien li trid il-liġi. In-notifika saret fl-20 t'April 2006. Billi l-konvenuti ma weġbux, il-qorti b'dikriet tat-13 ta' Ġunju 2006 ordnat illi l-kawża titqiegħed fuq il-lista tat-30 ta' Ġunju 2006 sabiex dakinhar jitfassal programm għas-smigħ tax-xhieda.

Fit-30 ta' Ġunju 2006 il-konvenut deher u talab illi jitħalla jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu għalkemm għalaq iż-żmien għalhekk. Il-qorti stednitu jagħmel it-talba b'rikors flimkien ma' *affidavit* biex ifisser ir-raġunijiet għan-nuqqas tiegħu, u l-konvenut ippreżenta r-rikors relativ, flimkien ma' *affidavit* tiegħu, ta' Joseph Micallef u ta' l-Avukat Patrick Valentino, fl-10 ta' Lulju 2006. L-atturi wieġbu fil-31 ta' Lulju 2006 u l-avukati ittrattaw it-talba fis-seduta tat-13 t'Ottubru 2006, meta mbagħad il-kawża ġiet differita għallum sabiex tingħata din is-sentenza, li tolqot biss il-kontumaċja tal-konvenut Kristinu Micallef, billi l-konvenuta l-oħra Josephine Micallef, martu, ma għamlet ebda talba bħal dik li għamel żewġha għalkemm hi wkoll ma weġbitx fiż-żmien li tagħti l-liġi.

Ir-raġuni mogħtija għala l-konvenut naqas li jwieġeb hija illi, kif jidher minn ċertifikat maħruġ mit-Tabib Psikjatra Joseph Cassar, kien ibati minn "*depressive and anxiety symptoms*" u "*severe attention and concentration problems*". Għalkemm ingħata mediċini, fosthom pilloli "*to help with his memory*", u s-sitwazzjoni tjiebet xi ftit, xorta baqa' juri dawn is-sintomi. Kien f'dan iż-żmien illi kien notifikat bl-atti tal-kawża u, minħabba l-kondizzjoni mentali tiegħu, ma għarafx l-importanza tagħhom u ma għamel xejn dwarhom

Il-qorti tosserva illi n-notifika seħħet meta l-marda mentali tal-konvenut kienet f'fażi akuta. Kif xehed ibnu Joseph Micallef, "… … … kien jinsa kollox. Ma kienx ikun irid joħroġ, dejjem bilqiegħda u ma jagħmel xejn. Ngħid illi kont tkellmu u jibqa' jiċċassa lejk, jew ma jweġbikx." Il-qorti tifhem, għalhekk, illi n-nuqqas tal-konvenut li jwieġeb għar-rikors ta' l-atturi ma kienx minħabba nuqqas volontarju jew kolpuż tiegħu li jagħti lil atti tal-qorti l-importanza xierqa, iżda għax moħħu kien imċajpar bil-marda li kellu.

Fiċ-ċirkostanzi, din il-qorti hija tal-fehma illi ma jkunx xieraq illi l-konvenut ikun imċaħħad mill-jedd fondamentali tiegħu illi jinstema' qabel ma tinqata' l-kawża. Għalhekk tagħti lill-konvenut żmien ta' għoxrin jum millum biex iwieġeb għar-rikors maħluf ta' l-atturi fil-forma li trid il-liġi, b'dan illi għandu wkoll fl-istess żmien jagħmel dak li jrid id-dikriet tas-17 t'April 2006.
L-ispejjeż ta' dan l-episodju għandu jħallashom il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------